MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 7/2005

**BANK OF VALLETTA p.l.c**

**vs**

**Joseph u Irene miżżewġin GRECH**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-6 ta' Jannar, 2005, li bih il-Bank attur ippremetta;

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 29 ta' Settembru, 1998 in atti Nutar Dottor Remigio Zammit Pace (Dok "A"), is-soċjeta' attriċi ikkonċediet faċilita' bankarja lill-konvenuti Joseph u Irene miżżewġin Grech;

Illi s-soċjeta' attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenuti Joseph u Irene miżżewġin Grech fis-somma ta' disgħa u għoxrin elf, ħames mija u tmenin Liri Maltin u ħamsa u erbgħin

ċenteżmu (Lm29,580.45) bilanċ għad-debitu fil-“Loan Account” ta’ Joseph u Irene miżżewġin Grech mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. “B1 sa B4”) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mit-23 ta’ Diċembru 2004 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fid-Dokument X anness ma’ l-imsemmi kuntratt datat 29 ta’ Settembru 1998 in atti Nutar Dottor Remigio Zammit Pace fuq imsemmi (u hawn esebit bħala Dokument “A”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Joseph u Irene miżżewġin Grech (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u (b) kienu inadempjenti f’obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Joseph u Irene miżżewġin Grech li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita’ tal-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta’ attriċi u b’hekk il-konvenuti iddekadew mill-benefiċju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tiegħu f’daqqa;

Illi l-konvenuti ġew interpellati permezz ta’ ittra uffiċjali datata 23 t’April, 2004 li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok “C”, sabiex iħallsu d-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadampjenti;

Għaldaqstant is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti, għaliex m’għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fid-Dokument markat bl-ittra “X” anness mal-kuntratt datat 29 ta’ Settembru 1998 in atti Nutar Dottor Remigio Zammit Pace fuq imsemmi (u hawn esebit bħala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Joseph u Irene miżżewġin Grech (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Joseph u Irene

miżżewġin Grech li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi.

2. Tikkundanna lil Joseph u Irene miżżewġin Grech iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' disgħa u għoxrin elf, ħames mija u tmenin Liri Maltin u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (Lm29,580.45) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" ta' Joseph u Irene miżżewġin Grech mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. "B1 sa B4") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mit-23 ta' Diċembru, 2004 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 23 t'April, 2004 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jiġu ppreżentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa tal-Bank attur, flimkien mas-sitt (6) dokumenti mehmuża magħha;

Rat li l-imħarrkin, notifikati kif imiss bil-mezz tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni għall-finijiet tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12, naqsu li jressqu Nota ta' Eċċezzjonijiet fiż-żmien lilhom mogħti mill-liġi, u lanqas dehru meta ssejħet il-kawża u għalhekk waqgħu kontumaċi;

Semgħet lir-rappreżentant tal-Bank attur jikkonferma li l-ebda ħlas ma sar dwar l-ammont mitlub minn dak inhar li tressqet il-kawża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Fil-kontumaċja tal-imħarrkin miżżewġin Grech, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' t-talbiet** attriċi kif dedotti billi jirriżultaw mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, sabiex iħallsu wkoll l-ispejjeż tal-kawża, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-ammont imsemmi fit-

tieni talba attriċi b'effett mit-23 ta' Diċembru, 2004, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------